**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 13 ta' Gunju 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Lara Butters**
**VS**
**Sinisa Zdravkovic**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sinisa Zdravkovic ta' 58 sena, bin Mihaljo u Stojadinovic nee' Mladena, mwieled Serbja fil-15 ta' Settembru 1957, residenti 4, Flat 4, Triq Julio, Bugibba u detentur tal-Passaport Serb bin-numru 009127889;

Talli;

1) Fit-12 ta' Gunju 2015 u jew fil-jien ta' qabel din id-data ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, liema passaport mahrug f'ismu stess li huma nnumerat 009127889;

2) Ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjonio ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi;
3) Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 189 tal-Kap 9, Sec 5 tal-Kap 61 u Sec 32(1d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sopsizi ghal sentejn ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**